**Fil-Qorti Kriminali**

**Att ta' Akkuza numru 13/2015**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Martino Aiello**

Illum, 9 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Martino Aiello tad-19 ta' April, 2016.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' April, 2016.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tal-20 ta' April, 2016.

Rat id-digriet taghha ulterjuri tal-20 ta' April, 2016.

Semghet il-partijiet fis-seduta tat-23 ta' Gunju, 2016.

Ikkunsidrat,

Illi r-rikors ta' Martino Aiello gie intavolat ferm wara li ghalaq iz-zmien previst biex jigu pprezentati l-eccezzjonijiet ghall-att ta' akkuza. Dan sar ghaliex fit-12 ta' Jannar, 2016 inghatat is-sentenza mill-Qorti ta' Strasbourg fl-ismijiet Borg v. Malta (Application 37537/13) u is-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet The Republic of Malta v. Chukwudi Samuel Onyeabor tal-Qorti Kriminali deciza fis-17 ta' marzu, 2016 (eventwalment konfermat

fl-appell fl-1 ta' Dicembru, 2016) li fethu orrizzonti godda fix-xenarju tal-inammissibilita' o meno ta' l-istqarrija rilaxxata, minn persuna suspettata, lill-pulizija.
Illi t-talba ewlenija tar-rikors kienet biex din il-Qorti tawtorizza lir-rikorrenti li jipprezenta l-eccezzjoni ta' l-inamissibilita' ta' l-istqarrija tieghu u ta' kull referenza li saret fix-xiehda tal-prosekuzzjoni rigward dak li ntqal fl-imsemmija stqarrija.

Illi l-partijiet qablu li din il-Qorti tawtorizza lir-rikorrenti li jipprezenta l-eccezzjoni ta' l-inammisibblita' ta' l-istqarrija u ghall-ekonomija tal-gudizzju qablu wkoll li l-partijiet jitrattaw fil-meritu din il-materja. Ghandu jinghad li t-trattazzjoni tal-partijiet marret oltre l-meritu tas-sentenzi hawn fuq imsemmija li jirrigwardaw li fis-sistema taghna qabel l-ghaxra ta' Frar, 2010 il-persuna ndagata jew akkuzata ma kellha ebda dritt li tkellem lill-avukat ta' l-ghazla taghha. Dan ghaliex l-istqarrija li giet rilaxxata minn Martino Aiello ggib id-data tad-19 ta' Ottubru, 2014 u dak in-nhar Martino Aiello rrifjuta li jkellem avukat ta' fiducja tieghu.

Illi l-avukati tar-rikorrenti qajmu l-punt li Martino Aiello ma kellhux avukat prezenti mieghu meta hu rrilaxxa l-istqarrija tieghu fid-19 ta' Ottubru, 2014. It-tratazzjoni tal-partijiet kien dwar dan il-punt.

Illi dan il-punt gie finalment deciz mill-legislatur bil-promulgazzjoni ta' l-Att numru LI ta' l-2016. Dan l-att gie operattiv fit-28 ta' Novembru, 2016 permezz ta' l-A.L. 401 ta' l-2016.

Illi l-artikolu li hu rilevanti ghall-ezercizzju in ezami hu l-artikolu 355AUA li jaghti id-dritt ta' access ghal avukat fi proceduri kriminali.

Illi t-tezi tar-rikorrenti hi semplici u lineari. Meta giet rilaxxata l-istqarrija dik il-persuna ma kellhiex id-dritt tal-prezenza ta' l-avukat. Il-konkluzjoni allura hi li tali stqarrija ghandha tkun inammissibli.

Illi t-tezi tal-Avukat Generali hi daqstant lineari. Ir-rikorrenti gie moghti d-dritt li jikkonsulta avukat ta' fiducja tieghu. Hu rrifjuta tali dritt, ma kkonsulta lil hadd u liberament u volontarjament irrilaxxa l-istqarrija hawn fuq imsemmija.

Illi din il-Qorti josserva li s-sentenza Borg v. Malta (hawn fuq citata) ma kinitx biss jitkellem fuq id-dritt li wiehed ikollu l-jedd li jikkonsulta ma avukat qabel tigi rilaxxat stqarrija. Dik

is-sdentenza tghid illi f'kull stadju ta' l-investigazzjoni l-persuna susspettata jew akkuzata jrid ikollha d-dritt ta' l-avukat. Kien ghalhekk li gie promulgat l-Att numru LI ta' l-2016.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-istess principji li gew applikati fis-sentnezi hawn fuq imsemmija ghandhom japplikaw f'dan il-kaz ukoll. Dan ifisser li anki jekk r-rikorrenti rrifjuta d-dritt li jikkonsulta avukat ma jfissirx li hu kien ser jirrifjuta l-prezenza ta' avukat fl-istess kamra ta' l-interrogatorju, tenut kont tal-fatt li l-artikolu fuq citat isemmi li l-avukat prezenti ghall-interrogatorju "...jippartecipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni...". Kif wiehed jista' japprezza din hi sitwazzjoni kompletament differenti. Logikament, ma tistax tipenalizza persuna li ghamel ghazla fuq parametri kompletament differenti minn dawk li huma in vigore llum.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa l-eccezzjoni tar-rikorrenti. Tiddikjara l-istqarrija tad-19 ta' Ottubru, 2014 rilaxxat mir-rikorrenti bhala nammissibbli. Tali stqarrija ma tistax tigi prodotta waqt il-guri jew kopja taghha moghtija lill-gurati.